MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2743/2002

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm317.62), rapprezentanti mija u tmienja u hamsin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm158.11) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99426271, u mija u disgha u hamsin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm159.51) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta`**

**konvenuta in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99422952;**
**Is-socjeta` konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentax risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm317.62) bl-imghax legali mid-29 ta' Novembru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------